MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Numru 1426/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**JOSEPH CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Cassar, bin il-mejjet George u Catherine Borg, imwieled iz-Zejtun fis- 17/09/1959, u joqghod Nur. 8, “Kons Garage”, Triq Abdosir, M’Xlokk, li ghandu numru tal-karta ta’ identita’ 646859(M), u gie akkuzat kif gej:-

Talli nhar il-Hadd 18 ta’ Novembru, 2007 ghall-habta ta’ bejn it- 8.00pm., u t- 8.30pm., waqt li kien fit- Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jaghmel offiza ta’

natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Ogbobor ta' nazzjonalita' Nigerjana, wera dan il-hsieb b'attijiet esterjuri, u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi ta' daqqa ta' arma li taqta' u bil-ponta (sikkina) u dahhal l-istess sikkina fil-koxxa x-xellugija tal-imsemmija Rita Ogbobor, u b'hekk ikkaguna offizi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet fuq l-istess Rita Ogbobor u dan skond ma kif iccetifika t-tabib Dr. D. Zammit (Reg. 8956) tal-isptar Mater Dei, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt, garr u kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (sikkina), u talli zamm u garr fuq il-persuna tieghu l-istess arma minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imsemmi mputat bhala recediv billi kien diga' gie kkundannat ghal diversi delitti ohra b'sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti Kriminali, liema sentenzi ma jistghurx jigu izjed imhassra.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok BP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Roberto Montalto ghall-imputat iddikjara li l-imputat ghandu problema serja

ta’ abbuz ta’ alkohol u konsegwentement talab li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita’ li tordna Ordni ta’ Probation fil-konfront tal-imputat sabiex tkun indirizzata l-problema ta’ abbuz ta’ alkolhol.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Spiridione Zammit ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li jaderixxi ghat-talba tad-Difiza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 41(1) (a), 216, 221(2), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat minn Dr. Roberto Montalto ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Spiridione Zammit ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li jaderixxi ghat-talba tad-Difiza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Joseph Cassar taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u li l-imputat ikun assistit biex jeghleb l-abbuz mill-alcohol u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Joseph Cassar ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Joseph Cassar b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma’ Rita Ogbobor ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digiet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Joseph Cassar.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Joseph Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------